# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 34**

**Citaz. Nru. 956/01GV**

**Pater Finance Co. Ltd.**

**vs**

**Rita Mifsud u zewgha Martin Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont komplessiv ta' elfejn u sitt mitt lira (Lm2,600) rapprezentanti import ta' diversi kambjalijiet skaduti u mhux imhallsa, oltre l-imghax relattiv kif hawn taht spjegat;

a) l-ammont ta' tmien mija u disghin lira (Lm890) rapprezentanti import ta' 10 kambjali ta' Lm89 il-wahda, debitament accettati, skaduti minn Awissu 2000 sa Mejju 2001 u mhux imhallsa, huma hawn annessi markati bin-numri 1 sa 10 konsekuttivament u inklusivament, oltre l-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala, li sas-16 ta' April, 2001 jammonta ghal Lm29, sal hlas effettiv;

b) l-ammont ta' tmien mija u ghoxrin lira (Lm820) rapprezentanti import ta' 10 kambjali ta' Lm82 il-wahda, debitament accettati, skaduti minn Awissu 2000 sa Mejju 2001 u mhux imhallsa, huma hawn annessi markati bin-numri 11 sa 20 konsekuttivament u inklusivament, oltre

l-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala, li sas-16 ta' April, 2001 jammonta ghal Lm26, sal hlas effettiv;

c) l-ammont ta' tmien mija u disghin lira (Lm890) rapprezentanti import ta' 10 kambjali ta' Lm89 il-wahda, debitament accettati, skaduti minn Awissu 2000 sa Mejju 2001 u mhux imhallsa, huma hawn annessi markati bin-numri 21 sa 30 konsekuttivament u inklusivament, oltre l-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala, li sas-16 ta' April, 2001 jammonta ghal Lm29, sal hlas effettiv;

Premess illi ghalkemm mitluba biex ihallsu diversi drabi, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Premess illi l-kreditu tas-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm2,600 hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn taf is-socjeta' attrici, il-konvenuti ma ghandhom l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghal hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-affidavit ta' Alfred Formosa, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici, hawn anness Dok. A;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167 - 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

2. Tikkundanna minnufih lill-konvenuti jhallsu lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' Lm2,600 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 ta' April, 2001 jammontaw ghal Lm85 kif qabel spjegat; oltre l-imghax ulterjuri

sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Awissu, 2001 kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil konvenuti li naqsu li jjpprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**